# L-Istennija

Berislav Blagojević
*Maqluba għall-Malti minn Kit Azzopardi*

Nafu mis-snin bikrija tat-tfulija. Stramba li issa narah fuq it-TV, determinat u kunfidenti, imdawwar bil-pulizija u b'folla nies bl-għatx għad-demm u s-sensazzjoni. Il-kameras jiffukaw fuqu. Hemm fuq. Fuq xifer il-bejt tal-*iskyscraper*. Saqajh ma narahomx jitriegħdu. Il-kpiepel t'għajnejh ma jinfetħux bil-biża', u l-ħbub t'għajnejh ma jitwessgħux, lanqas. Is-sireni tal-pumpiera bilkemm jinstemgħu qalb il-folla, minkejja li taħt il-ħarsa tal-*cameraman* qed jiġri hemm it-trakk aħmar armat b'sellum tripplu jleqq.

Meta kellna seba' snin, ommu u missieru ddivorzjaw. Kien ċert li missieru għad jiġi lura minn vjaġġ fuq negozju 'l bogħod, u għal sentejn sħaħ kien jistennieh, wara l-iskola, kuljum. Niftakar kif fil-ħames sena kien stenna b'persistenza fuq il-bank biex l-għalliema tal-PE ssiblu post fit-tim tal-baskitbol. Kollha konna ninkuh. Magħna ma kienx jeħlisha ... qasir qasir, irqiq, u pallidu. Konna tfal u ma konniex nafu mod ieħor. Imma minkejja kollox, kien jibqa' jirrepeti l-kliem li kienet tgħidlu ommu (għalina enigma inspjegabbli, dak iż-żmien): Strpljen-spašen. Is-sabar is-salvazzjoni.

Il-pulizija-negozjaturi ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu. Mhu jitlob xejn. Mhux jibki jew jgħajjat. Qed bilwieqfa kalm, iħares, alternattivament, bejn is-smewwiet u saqajh. Taħtu, nies bl-uniformi malajr malajr jippruvaw iħejju bużżieqa kbira biex tassorbi l-waqgħa possibbli tiegħu. Kollox ifakkarni fil-lejla tal-*prom* meta tħalla jistenna, f'idu x-xellugija jżomm bukkett fjuri l-ġmiel tiegħu, jistenna bħal baħbuħ lil waħda mill-isbaħ tfajliet fl-iskola. U

hi, sadattant, tixxala li ma ngħidlekx, tiżfen ma' wieħed mill-ħafna ġuvintur sbieħ u balali tal-iskola.

Snin wara ltqajt miegħu fil-kamra tal-istennija fil-klinika lokali (jien kelli l-larinġite, hu infjammazzjoni ġo widintu). Qalli kif kien iggradwa tliet snin qabel u kif kien imwiegħed impjieg war'ieħor, iżda li kull darba, jitfaċċa ħaddieħor minn imkien u jaqbżu – xi kuġin, konoxxenza tad-direttur, u l-bqija. U għalhekk, għadu jistenna. Ma kontx naf x'naqbad ngħidlu, allura qgħadt kwiet, ingerger bi griżmejja. L-uġigħ kien hemm, veru, imma ma kienx daqstant insopportabbli daqskemm innervjani u irritani. Forsi għalhekk tliftha għalkollox meta l-infermiera qabbżet pazjent għat-tielet darba. Sieħbi tbissem u qalli: "Is-sabar is-salvazzjoni, tiftakar?" Għert għalih dak il-ħin, għalkemm ma kelli xejn għalfejn ingħir għalih ħlief in-nervi tal-azzar, il-kontroll superuman fuqu nnifsu, u l-ħila tal-istennija li rnexxielu jipperfezzjona.

Inħares lejh, jitbandal fuq ix-xifer tal-bejt mgħotti bil-likeni, u nifhem kemm taf tkun kerha li tistenna għomrok kollu għal xi ħaġa jew xi ħadd; nifhem li bniedem hu predeterminat li jistenna sa ċertu limitu u li lil hinn minnu jaqa' jitgerbeb għal ġol-abbiss imprevedibbli ta' snin moħlija, xewqat mhux milħuqa, u tamiet u wegħdiet foloz. Sieħbi laħqu dak l-abbiss, u waqgħa *free fall* minn *skyscraper* f'għajnejh dehret bħal qabża ħafifa minn fuq għadira, wara traxxixa xita f'nofs is-sajf. La nara biża', lanqas dispramentfuq wiċċu, għax kien ilu li magħadhom u beżaqhom fuq il-wiċċ werċ tad-destin. L-aħħar ħaġa li rajt qabel ma ntefa l-iskrin kienet tbissima żgħira, kważi kważi skiżofrenika. Bilkemm perċepibbli. Dik il-linja miksura ta' fommu stirat setgħet tgħid biss ħaġa waħda lill-għaxriet, jew mijiet, t'eluf li kienu qed jarawh: m'għadx fadalli żmien x'nistenna, issa stennew intom!